IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2018
COM(2018) 824 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar l-iskema tat-taxxa tad-"dazju tal-baħar" applikata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi**
**(ippreżentat mill-Kummissjoni skont dak li hemm previst fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014)**

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**
**dwar l-iskema tat-taxxa tad-"dazju tal-baħar" applikata fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi**

# 1. SFOND

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jinkludu ż-żewġ dipartimenti u reġjuni ta' Réunion u Guadeloupe, iż-żewġ kollettivitajiet territorjali ta' Martinique u l-Guyana Franċiża u d-dipartiment ta' Mayotte (l-RUP Franċiżi), fil-prinċipju ma jawtorizzaw ebda differenza fit-tassazzjoni fl-RUP bejn prodotti lokali u dawk li jiġu minn Franza metropolitana jew mill-Istati Membri l-oħrajn. Madankollu l-Artikolu 349 tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri speċifiċi favur dawk ir-reġjuni minħabba l-eżistenza ta' żvantaġġi permanenti li jaffettwaw is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Id-dazju tal-baħar (octroi de mer) huwa wieħed mill-eqdem taxxi fis-sistema tat-taxxa Franċiża u l-eqdem waħda fl-RUP Franċiżi. Din it-taxxa li tinsab fis-seħħ biss fl-RUP Franċiżi hija applikabbli għall-importazzjoni ta' merkanzija, irrispettivament mill-oriġini tagħhom u għall-kunsinni ta' merkanzija magħmula bi ħlas minn persuni li jwettqu attivitajiet ta' produzzjoni[1].

Id-dazju tal-baħar jikkonsisti f'żewġ taxxi separati: id-dazju tal-baħar bħala tali u d-dazju tal-baħar reġjonali[2].

Ir-rati tad-dazju tal-baħar huma stabbiliti minn deliberazzjonijiet tal-kunsilli reġjonali (fi Guadeloupe u f'Réunion), mill-kollettivitajiet territorjali uniċi (fil-Guyana u f'Martinique) jew mill-Kunsill dipartimentali (f'Mayotte). Dawn jiġu stabbiliti b'mod separat għal kull RUP Franċiż.

Id-dħul mid-dazju tal-baħar jiġi allokat, minn naħa, għall-baġits tal-kollettivitajiet territorjali (muniċipalitajiet, dipartiment, reġjun) u, min-naħa l-oħra, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal fond reġjonali għall-iżvilupp u l-impjiegi.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 tawtorizza lil Franza biex sal-31 ta' Diċembru 2020 tipprevedi, eżenzjonijiet jew tnaqqis tad-"dazju tal-baħar" għal ċerti prodotti li huma manifatturati lokalment. L-anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jelenka l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont il-prodott, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 tagħti r-raġunijiet għall-adozzjoni tal-miżuri speċifiċi: id-distanza, id-dipendenza esterna f'dak li jirrigwarda l-materja prima u l-enerġija, l-obbligu ta' ħażniet akbar, id-daqs żgħir tas-suq lokali flimkien ma' attività żgħira ta' esportazzjoni, eċċ. Dawn l-iżvantaġġi kollha jfissru żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u b'hekk fil-prezz tal-kost tal-prodotti mmanifatturati lokalment li, fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, ikunu inqas kompetittivi meta mqabbla ma' dawk li ġejjin minn barra, anki jekk jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport biex jaslu fl-RUP Franċiżi. Dan joħloq aktar diffikultajiet għaż-żamma tal-produzzjoni

[1] Produzzjoni tfisser il-manifattura, l-ipproċessar u r-rinnovazzjoni ta' beni mobbli tanġibbli. Il-provvista ta' servizzi, għalhekk, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taxxa.

[2] Taxxa addizzjonali għad-dazju tal-baħar li r-rata tagħha llum ma tistax tkun ogħla minn 5 %.

lokali. Għaldaqstant il-miżuri speċifiċi li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 tfasslu bil-għan li tissaħħaħ l-industrija lokali.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 jipprevedi li sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet Franċiżi jippreżentaw rapport dwar l-applikazzjoni tal-iskema ta' tassazzjoni stabbilita b'din id-Deċiżjoni lill-Kummissjoni, sabiex jiġi vverifikat l-impatt tal-miżuri meħuda u l-kontribut tagħhom għall-promozzjoni jew għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi lokali, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-diffikultajiet li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport li jinkludi analiżi ekonomika u soċjali kompluta lill-Kunsill u, jekk ikun meħtieġ, proposta mmirata għall-adattament tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2014.

L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw ir-rapport previst lill-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2018. Intbagħtu rapporti speċifiċi ta' evalwazzjoni għal kull wieħed mill-RUP Franċiżi flimkien ma' talbiet għall-adattament tal-lista ta' prodotti eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata fil-15 ta' Marzu 2018 għall-Guyana, għal Martinique u għal Guadeloupe, fl-4 ta' Ġunju 2018 intbagħat dak għal Réunion u fit-28 ta' Awwissu 2018 intbagħat ir-rapport mingħajr talba għal aġġornament tal-lista għal Mayotte. It-talbiet għall-aġġornament tal-listi jinvolvu kważi 90 prodott. Dawn it-talbiet huma prinċipalment intiżi għall-introduzzjoni ta' prodotti ġodda fil-listi u għall-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' prodotti eżistenti fuq lista li tippermetti differenzjar akbar fit-tassazzjoni.

# 2. IL-PARTIJIET EWLENIN TAR-RAPPORTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI

## 2.1. Ir-rapport tat-12 ta' Frar 2018

Ir-rapport tat-12 ta' Frar 2018 jikkonsisti fi studju statistiku makroekonomiku fuq livell ġenerali għall-RUP Franċiżi kollha, ibbażat fuq data miġbura skont is-settur. Dan ma fih ebda informazzjoni dwar il-kategoriji tal-prodotti li jibbenefikaw minn taxxa differenzjata.

Ir-rapport jiddeskrivi l-iskema tad-dazju tal-baħar u jippreżenta ċerti elementi ta' gwida makroekonomika tal-RUP Franċiżi kif ukoll l-immappjar tal-benefiċjarji tad-dazju tal-baħar differenzjat. Ir-rapport jindika b'mod partikolari li l-produzzjoni tal-merkanzija magħmula mis-665 intrapriża soġġetti għad-dazju tal-baħar tammonta għal EUR 5.6 biljun.

Ir-rapport janalizza wkoll l-effetti tat-tnaqqis tal-limitu tat-taxxabbiltà tal-intrapriżi lokali fir-rigward tad-dazji tal-baħar li minn EUR 550,0000 niżel għal EUR 300,000 fl-2014. Dan iqis li l-effetti negattivi ta' din il-miżura huma predominanti fid-dawl tal-piżijiet amministrattivi li din tiġġenera, taż-żieda żgħira ħafna fid-dħul mit-taxxa u tal-effett kontroproduttiv tagħha.

Il-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport huma dawn:

> a. Rigward <u>l-impatt ekonomiku tal-iskema</u> tad-dazju tal-baħar fuq l-iżvilupp ekonomiku tal-RUP Franċiż, ir-rapport jistma li qabelxejn dan jikkonċerna l-aktar iż-żamma tal-impjiegi aktar milli l-ħolqien tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp u l-perpetwità tal-katini tal-produzzjoni lokali.
> Ir-rapport jenfasizza li l-vantaġġi fiskali mogħtija taħt l-iskema tad-dazju tal-baħar jikkostitwixxu kontribut sostanzjali għall-PDG tal-RUP Franċiżi. Skont l-estimi li saru, il-piż totali tad-dazju tal-baħar jammonta għal 3,3 % tal-PDG tal-ħames RUP Franċiżi flimkien. F'dan il-livell aggregat, id-differenzi bejn it-territorji huma wisq insinifikanti biex jinġibdu konklużjonijiet dwar disparitajiet ġeografiċi reali.

b. Rigward l-iżvantaġġi tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi li jagħtu lok għall-kostijiet addizzjonali mħallsa mill-intrapriżi stabbiliti fl-RUP Franċiżi, ir-rapport ifakkar li dawn ġejjin kemm mill-karatteristiċi naturali ta' dawn ir-reġjuni – id-daqs, l-aċċessibbiltà u l-kundizzjonijiet tal-klima tagħhom – u kemm mill-integrazzjoni dgħajfa tagħhom fl-ambjent reġjonali tagħhom. Il-proporzjon tal-ispejjeż tal-persunal fuq il-fatturat kif ukoll ix-xiri ta' materja prima u x-xiri u l-ispejjeż esterni l-oħrajn huma identifikati fir-rapport bħala ż-żewġ sorsi prinċipali tal-kostijiet addizzjonali li jaffettwaw lill-intrapriżi lokali.

Il-kostijiet addizzjonali li saru fl-RUP Franċiżi ġew stmati, abbażi tal-proporzjon tal-ispejjeż finanzjarji għal kull euro tad-dħul operattiv li jlaħħqu mal-EUR 1,8 miljun addizzjonali fi spejjeż finanzjarji għal kull intrapriża, b'total ta' EUR 1.2 biljun. Din l-istima hija baxxa peress li ma tqisx l-impossibbiltà għall-intrapriżi lokali li jagħmlu ekonomiji ta' skala.

c. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-impatt tad-dazju tal-baħar fuq l-intrapriżi lokali, ir-rapport jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data relatata mad-differenzi fid-dazju tal-baħar fuq diversi snin, li b'konsegwenza ma jippermettix li ssir analiżi tal-iżvilupp fil-prestazzjoni tal-intrapriżi. Saret biss analiżi waħda tal-impatt fuq il-prestazzjoni tal-intrapriżi għas-sena 2015. Skont din l-analiżi, m'hemm ebda differenza sinifikanti fil-fatturat jew fir-redditu ekonomiku bejn l-intrapriżi lokali li jibbenefikaw u dawk li ma jibbenefikawx mid-dazju tal-baħar differenzjat. Minn dan jirriżulta li d-dazju tal-baħar jissodisfa l-objettivi li ġew stabbiliti għalih billi jippermetti li l-intrapriżi lokali fis-setturi fil-mira jiksbu prestazzjoni simili għal dik tal-intrapriżi li ma jibbenefikawx mill-iskema, minkejja esponiment ostensibilment ogħla għall-kostijiet addizzjonali marbuta mal-ultraperiferija. In-nuqqas ta' prestazzjoni superjuri għall-intrapriżi benefiċjarji tfisser ukoll in-nuqqas ta' kumpens żejjed.

## 2.2. Ir-rapporti speċifiċi tal-RUP Franċiżi

Minħabba l-limitazzjonijiet tar-rapport tat-12 ta' Frar, dan ir-rapport ġie supplimentat b'**rapporti speċifiċi** għal kull RUP Franċiż. F'dawn ir-rapporti, il-kollettivitajiet lokali ta' Martinique, Guadeloupe, il-Guyana, Réunion u Mayotte jagħmlu valutazzjoni tal-iskema tad-dazju tal-baħar. Dawn ir-rapporti komplementari jippreżentaw stampa ġenerali tal-iżviluppi soċjoekonomiċi reġjonali għall-perjodu 2014-2016. Din l-istampa turi disparitajiet sinifikanti bejn l-RUP Franċiżi. Réunion hija l-kollettività bl-aqwa ambjent kummerċjali bi rkupru ekonomiku b'saħħtu mill-2014 (iktar minn 3 % fis-sena), bi tnaqqis drastiku fil-qgħad u b'varjazzjoni żgħira fil-prezzijiet. Għall-kuntrarju, l-ekonomiji ta' Guadeloupe u ta' Guyana jibqgħu staġnati, b'rati konsistentement għoljin, jew tabilħaqq jiżdiedu, ta'qgħad. F'Martinique, ix-xejra hija ġeneralment pożittiva, b'titjib partikolarment fis-suq tax-xogħol. F'Mayotte, l-ekonomija reġgħet lura għal perjodu ta' inċertezza enfasizzat b'żieda fil-qgħad għal 27,1 %. Din is-stiwazzjoni nħolqot partikolarment minħabba l-bidliet istituzzjonali li seħħew f'Mayotte (li kisbet l-istatus ta' reġjun ultraperifiku wara li ġiet dipartimentalizzata).

Min-naħa l-oħra, din l-istampa turi sitwazzjoni simili fir-rigward tal-iżviluppi fil-prezzijiet u l-kummerċ barrani. Għalkemm il-prezzijiet f'dawn l-RUP Franċiżi ma nbidlux ħafna matul il-perjodu 2014-2016, il-prezzijiet baqgħu ferm ogħla minn dawk osservati fil-metropoli (bejn 7 % u 12 % skont l-indiċi Fisher[3]), iżda din id-differenza naqset f'kull RUP Franċiż meta mqabbla mal-2010 (bejn 12 % u 14 %).

[3] L-indiċi Fisher hawnhekk jikkorrispondi għall-medja ġeometrika ta' A (diskrepanzi fil-prezzijiet RUP Franċiżi/Franza metropolitana) u l-kuntrarju ta' B (differenzi fil-prezzijiet tal-metropoli/RUP Franċiżi), jiġifieri l-għerq kwadrat tal-proporzjon A/B.

Fir-rigward tal-kummerċ barrani, dawn ir-rapporti juru li l-RUP Franċiżi għadhom jiddependu ħafna mill-importazzjonijiet, li jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-PGD tagħhom u li huma responsabbli għad-defiċit kummerċjali kbir tagħhom. L-importazzjonijiet (esklużi l-prodotti taż-żejt) żdiedu bi ftit matul il-perjodu 2014-2016 għall-RUP Franċiżi kollha.

Fir-rigward tal-analiżi tal-iżvilupp fil-produzzjoni lokali tal-prodotti elenkati fil-lista tul il-perjodu 2014-2016, din tirrapporta sitwazzjoni pjuttost kontrastanti, billi minkejja li b'mod ġenerali l-produzzjoni lokali kibret fl-RUP Franċiżi kollha bl-eċċezzjoni ta' Guadeloupe (li rreġistrat tnaqqis ta' 6,9 %), is-sehem mis-suq tagħha meta mqabbel mal-konsum totali fir-RUP Franċiżi pjuttost li naqas, bl-eċċezzjoni ta' Martinique (li rreġistrat żieda ta' 9,8 %)

Dawn ir-rapporti jipprovdu wkoll analiżi tar-rati u tad-differenzi skont is-settur. Dawn juru b'mod partikolari li d-differenza medja ppeżata applikata tvarja bejn 14 % (Réunion) u 18 % (Martinique u Guadeloupe) skont ir-RUP Franċiżi.

Dawn ir-rapporti mbagħad jipprovdu analiżi settorjali tal-iżviluppi fl-ekonomiji tar-RUP Franċiżi fir-rigward tal-politiki dwar id-differenzjar segwiti, u għall-kollettivitajiet ta' Guadeloupe u Martinique, jagħtu d-dettalji u l-aġġornament tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-intrapriżi lokali.

Fl-aħħar nett, ir-rapporti tal-kollettivitajiet territorjali ta' Martinique, Guadeloupe, il-Guyana u Réunion jinkludu ġustifikazzjonijiet għat-talbiet biex tiġi adattata l-lista tal-prodotti eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata.

Barra minn hekk, l-RUP Franċiżi mhumiex kuntenti li maż-żmien il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tal-prodotti fil-lista qed issir dejjem aktar speċifika (għal-livell NM8 jew saħansitra NM10) u b'hekk l-intrapriżi jiffaċċjaw problemi biex jidentifikaw il-produzzjoni tagħhom b'mod korrett. Mhumiex kuntenti wkoll dwar it-tnaqqis tal-limitu ta' taxxa għal EUR 300,000, li għall-kollettivitajiet ma ssarrafx f'xi żieda notevoli fid-dħul. Dawn iż-żewġ miżuri kkaġunaw iżjed piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi. L-RUP Franċiżi jixtiequ jaraw il-ħolqien ta' sistema ta' aġġornament regolari tar-rati differenzjati sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa tal-viżibbiltà tal-investituri u biex ikunu jistgħu jadattaw għall-evoluzzjonijiet fis-suq u għat-tessut ekonomiku lokali. Dawn it-talbiet għandhom jiġu analizzati waqt l-eżami tat-talbiet għat-tiġdid tal-iskema.

Diversi talbiet għal dokumenti ta' sostenn u għal spjegazzjonijiet addizzjonali ntbagħtu bil-posta elettronika lill-awtoritajiet Franċiżi fis-27 ta' Marzu, fl-14 ta' April, fis-16 ta' Mejju u fl-4 ta' Lulju 2018 biex jiġu evalwati l-effetti reali tat-tassazzjoni differenzjata fuq l-attività tal-RUP Franċiżi. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi ntalbu jipprovdu, għal kull RUP Franċiż u għal kull kategorija ta' prodotti taxxabbli b'dazju tal-baħar differenzjat, fir-rigward tal-RUP ikkonċernat, evalwazzjoni tal-impatt tal-iskema f'termini taż-żamma jew tal-promozzjoni tal-attivitajiet lokali u l-kondizzjonijiet tal-kummerċ.

L-awtoritajiet Franċiżi pprovdew lill-Kummissjoni bid-dettalji dwar l-importazzjonijiet u l-produzzjoni lokali għal kull prodott li jibbenefika minn taxxa differenzjata kif ukoll diversi kjarifiki.

## 3. ANALIŻI TAL-ISKEMA MILL-KUMMISSJONI

Minħabba d-data tal-preżentazzjoni tar-rapport tal-awtoritajiet Franċiżi (Frar-Marzu 2018), huwa diffiċli li l-impatt tat-tassazzjonijiet differenzjati applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 jiġi eżaminat fuq perjodu twil, peress li l-iskema l-ġdida ma daħlitx fis-seħħ qabel Lulju 2015.

Barra minn hekk, fir-rigward ta’ Mayotte, minħabba l-applikazzjoni reċenti tal-iskema flimkien mal-klima kważi ribelluża prevalenti fuq il-gżira, l-awtoritajiet Franċiżi ma setgħux iwettqu l-istess ħidma bħal ma wettqu imkien ieħor għax ma ngħatawx data stabbli u affidabbli biżżejjed.

Peress li l-Kummissjoni tiddependi ħafna mill-informazzjoni mogħtija minn Franza u m’għandhiex mezzi oħra biex tiġbor iktar informazzjoni, l-analiżi tal-Kummissjoni hija bbażata fuq informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Franċiżi. Mill-informazzjoni mogħtija jistgħu jinġibdu l-konklużjonijiet li ġejjin.

## 3.1. L-iżvantaġġi tal-RUP Franċiżi jippersistu

Fl-ewwel rapport tagħhom, l-awtoritajiet Franċiżi jerġgħu jsemmu s-sorsi tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-intrapriżi stabbiliti fl-RUP Franċiżi minħabba l-iżvantaġġi tagħhom. Dawn it-territorji effettivament jiffaċċjaw żvantaġġi kbar relatati mad-daqs, mal-aċċessibilità u mal-kundizzjonijiet klimatiċi tagħhom. Dawn l-iżvantaġġi, li huma ta' natura strutturali, jaqgħu f’żewġ kategoriji:

- L-iżvantaġġi eżoġeni bħad-distanza remota, l-insularità doppja, is-superfiċje żgħira, il-morfoloġija territorjali kumplessa, il-klima diffiċli, ir-riskji naturali kbar;
- L-iżvantaġġi endoġeni: il-limitazzjoni tal-preżenza tal-fatturi tal-produzzjoni, l-iżvilupp limitat tal-kapital uman, id-dipendenza ekonomika fuq għadd żgħir ta’ attivitajiet, in-nuqqas ta’ integrazzjoni fl-ambjent reġjonali, l-ostakli għad-dħul.

Għalhekk, il-produzzjonijiet lokali qed jiffaċċjaw kostijiet addizzjonali sinifikanti li ġew identifikati u mkejla fil-livell makroekonomiku. Dawn jinkludu kostijiet addizzjonali dovuti għad-disparitajiet fil-pagi, għall-provvisti u għal-loġistika, id-daqs eċċessiv tat-tagħmir, għat-tħaddim u l-manutenzjoni tiegħu, id-daqs żgħir tas-swieq lokali li ma jippermettix li jsiru ekonomiji ta’ skala. Dawn il-kostijiet addizzjonali jirrigwardaw ukoll it-tqegħid fis-suq u d-distribuzzjoni tal-prodotti, il-proprjetà agrikola u l-kostruzzjoni u l-finanzjament.

Dawn il-kostijiet addizzjonali jirriżultaw f’defiċit kbir fil-bilanċ kummerċjali, li huwa komuni għar-RUP Franċiżi kollha.

Barra minn hekk, l-iżvantaġġi li ġġustifikaw iż-żamma tal-iskema fl-2014 għadhom jeżistu, bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minnhom f’termini ta’ kwalunkwe kost addizzjonali għall-produzzjonijiet lokali.

## 3.2. Il-konsegwenzi tal-applikazzjoni ta’ tassazzjoni differenzjata tal-prodotti mid-dazju tal-baħar

### 3.2.1. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq il-prezzijiet tal-prodotti li jibbenefikaw minn tassazzjoni differenzjata

L-informazzjoni pprovduta ma tippermettix li tingħata opinjoni dwar l-impatt ta’ dan id-dazju fuq il-livell ġenerali tal-prezzijiet tal-prodotti li huma soġġetti għal tassazzjoni differenzjata.

Madankollu, din turi l-impatt ġenerali tad-dazju tal-baħar fuq il-livell tal-prezzijiet minħabba li l-RUP Franċiżi li japplikaw l-iktar rati baxxi (Réunion) u fejn in-numru ta’ prodotti fil-mira huwa l-iktar baxx (Mayotte) għandhom l-inqas diskrepanzi fil-prezzijiet meta mqabbla ma’ Franza metropolitana.

Fir-rigward tal-aġġustamenti li saru permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2014, l-analiżi makroekonomika tal-prezzijiet, ibbażata fuq l-indiċi tal-prezzijiet għall-konsum, turi

żvilupp limitat ħafna fil-prezzijiet matul il-perjodu 2014-2016 fir-RUP Franċiżi. L-analiżi turi wkoll li d-diskrepanza tal-prezzijiet ta' Franza metropolitana u dawk ta' kull wieħed mill-RUP Franċiżi kienet inqas minn dik tas-sena 2010. Dan l-iżvilupp jirrifletti t-tħassib tal-awtoritajiet lokali fir-rigward tal-użu proporzjonat tat-taxxa differenzjata sabiex ma tiġix affettwata l-kapaċità tal-akkwist tal-popolazzjonijiet lokali.

Dawn il-fatturi għalhekk juru li l-adattamenti reċenti fil-lista tal-prodotti li jibbenefikaw minn taxxa differenzjata kellhom impatt negliġibbli fuq il-prezzijiet fl-RUP Franċiżi.

### 3.2.2. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq l-iżvilupp ekonomiku fir-RUP Franċiżi

Setgħet tinkiseb biss informazzjoni frammentata dwar l-impatt tat-tassazzjoni differenzjata fuq it-tkabbir u l-impjiegi f'kull settur ikkonċernat u matul il-perjodu inkwistjoni (2014-2017), peress li f'diversi każi din l-informazzjoni s'issa għadha mhux disponibbli.

Huwa diffiċli li titqabbel id-data dwar it-tkabbir, l-impjiegi u l-intrapriżi ma' dik dwar il-prodotti li jibbenefikaw minn tassazzjoni differenzjata. Filfatt, il-parti l-kbira tal-intrapriżi fis-setturi kkonċernati jbiegħu kemm prodotti li jibbenefikaw minn taxxa differenzjata u kif ukoll prodotti li ma jibbenefikawx minnha.

Madankollu, l-effetti tad-dazju tal-baħar fuq l-iżvilupp ekonomiku huma pprovati. Huma iktar effettivi fir-rgiward taż-żamma tal-impjiegi aktar milli l-ħolqien tagħhom u kif ukoll għall-iżvilupp u l-perpetwità tal-ktajjen tal-produzzjoni lokali. Fis-setturi affettwati mill-kriżi, bħas-settur tal-kostruzzjoni u tax-xogħlijiet pubbliċi fost oħrajn, id-dazju tal-baħar ippermetta li jinżammu l-impjiegi. Minħabba ċ-ċokon tas-suq tagħhom, l-RUP Franċiżi huma fraġli u vulnerabbli ħafna għal importazzjonijiet ta' darba bi prezzijiet ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq. Barra minn hekk, minħabba l-kostijiet addizzjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom, l-opportunitajiet għall-intrapriżi lokali li jirrikorru għas-swieq tal-esportazzjoni huma limitati ħafna.

Id-dazju tal-baħar ippermetta wkoll id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni prinċipalment fl-industrija agroalimentari (kondimenti tal-kafè, ġammijiet ... fi Guadeloupe) u l-ħolqien ta' niċeċ ta' żvilupp (meraq tal-frott, kroketts, lentijiet tan-nuċċalijiet ... f'Réunion). Kien ukoll ta' għajnuna essenzjali għall-produzzjonijiet lokali ta' dawn ir-reġjuni billi ppermetta t-twettiq ta' investimenti li jiġġeneraw it-tkabbir).

Finalment, id-dazju tal-baħar għandu wkoll effetti pożittivi fuq l-attività ekonomika tar-RUP Franċiżi. Fil-fatt, il-piż totali tad-dazju tal-baħar (dħul + tnaqqis fit-taxxa li jibbenefikaw minnu l-produzzjonijiet lokali) huwa stmat għal 3,3 % tal-PDG fl-2016 fl-RUP Franċiżi (bejn 2,6 % f'Réunion u 5 % f'Mayotte). Barra minn hekk, id-dħul mid-dazju tal-baħar jirrappreżenta bejn 40 % u 50 % tad-dħul tal-kollettivitajiet territorjali tal-RUP Franċiżi. Parti minn dan id-dħul jiġi allokat għall-fond reġjonali għall-iżvilupp u l-impjiegi (FRPE), li għandu l-għan li jiffaċilita l-istabbiliment tal-impriżi u l-ħolqien ta' impjiegi fis-settur tal-produzzjoni jew li jikkontribwixxi għall-bini ta' infrastrutturi meħtieġa għall-iżvilupp tal-intrapriżi. Dan huwa rifless fil-fatt li l-produzzjonijiet lokali ta' merkanzija li jgawdu minn taxxa differenzjata b'mod ġenerali żdiedu fil-parti l-kbira tal-RUP Franċiżi (ħlief fi Guadeloupe). Dawn il-prodotti ġeneralment jirnexxilhom jiksbu l-istess livelli ta' prestazzjoni bħall-produzzjonijiet l-oħrajn, minkejja espożizzjoni ogħla għal kostijiet addizzjonali.

Minn dan jirriżulta li d-dazju tal-baħar għandu impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku tal-RUP Franċiżi.

### 3.2.3. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq il-bilanċ kummerċjali

Għalkemm id-defiċit tal-bilanċ kummerċjali naqas bi 3 % fl-RUP Franċiżi, xorta għadu kbir ħafna. Għalkemm il-produzzjoni lokali u l-esportazzjonijiet komplew jiprogressaw, l-importazzjonijiet għajr l-idrokarburi xorta waħda żdiedu fl-RUP Franċiżi kollha. Dawn l-importazzjonijiet għadhom jiġu prinċipalment minn Franza u mill-Istati l-oħra tal-Unjoni Ewropea (75 % f'Réunion, 85 % f'Martinique, 74 % fi Guadeloupe u 71 % fil-Guyana fl-2016). L-importazzjonijiet ta' prodotti mill-pajjiżi tal-AKP huma affettwati biss b'mod marġinali. Barra minn hekk, l-għadd ta'prodotti minn dawn il-pajjiżi, prinċipalment il-prodotti taż-żejt, huwa limitat.

Fil-każ, b'mod partikolari, tal-prodotti li jibbenefikaw minn taxxa differenzjata, l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu.

Dan juri li l-iskema tad-dazju tal-baħar ma tfixkilx il-kummerċ barrani ta' dawn it-territorji filwaqt li tevita wkoll deterjorament potenzjali fil-bilanċ kummerċjali.

## 3.3. Skema li għadha meħtieġa u li tibqa' proporzjonata

L-iskema tad-dazju tal-baħar tibqa' meħtieġa minħabba ż-żamma tal-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw il-possibbiltà ta' tassazzjoni differenzjata għal ċerti prodotti u b'mod partikolari minħabba ż-żamma tal-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni.

Il-Kummissjoni żgurat li dawn il-kundizzjonijiet baqgħu jiġu ssodisfati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni analizzat l-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq okkupati mill-prodotti lokali li jibbenefikaw minn taxxa differenzjata mid-dazju tal-baħar meta mqabbel mal-prodotti importati fl-RUP Franċiżi, kif ukoll ir-rati tal-ispiża addizzjonali li żżid il-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali.

Fir-rigward tal-eżami tar-rati tal-kostijiet addizzjonali, jidher li b'mod ġenerali dawn marru għall-agħar. Fil-fatt, ir-rata medja tal-ispiża addizzjonali żdiedet fi Guadeloupe minn 26,7 % fl-2012 għal 30,5 % fl-2015, u f'Martinique minn 29,7 % fl-2012 għal 32,3 % fl-2016.

Barra minn hekk, l-RUP Franċiżi ma kkumpensawx iżżejjed il-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-intrapriżi lokali minħabba l-applikazzjoni tat-taxxa differenzjata. Fil-fatt, id-differenzi applikati bħala medja jikkumpensaw biss nofs dawn il-kostijiet addizzjonali, b'mod partikolari f'Martinique (54 % fl-2016) u fi Guadeloupe (40 % fl-2015)[4].

Konsegwentement, il-kostijiet addizzjonali għall-intrapriżi lokali għadhom jippersistu u huma biss ikkumpensati parzjalment mit-taxxa differenzjata applikata għal ċerti prodotti.

Eżami tal-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq, magħmul abbażi tad-data mibgħuta f'Marzu 2018, wera li filwaqt li l-produzzjoni lokali żdiedet b'mod ġenerali fl-RUP Franċiżi, l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu aktar, u li għaldaqstant is-sehem tas-suq tal-produzzjoni lokali meta mqabbel mal-konsum totali fl-RUP Franċiżi pjuttost naqas bejn l-2014 u l-2016.

Din l-analiżi makroekonomika taħbi l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet differenti ħafna. Minkejja l-eżistenza ta' tassazzjoni differenzjata għad-dazju tal-baħar, hemm prodotti li għalihom is-sehem tas-suq tal-prodotti lokali baqa' baxx jew baxx ħafna. Għal oħrajn, id-differenza fit-tassazzjoni għad-dazju tal-baħar tippermetti li prodotti lokali jokkupaw sehem tas-suq bejn wieħed u ieħor daqs dak li jieħdu l-prodotti importati fl-RUP Franċiżi. Dawn huma l-aktar żewġ sitwazzjonijiet komuni.

4 It-tifdija tal-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni għal kull wieħed mill-prodotti fil-lista kienet ivverifikata permezz ta' stħarriġ.

Fl-aħħar nett, għal prodotti oħra, l-informazzjoni mogħtija turi li l-prodotti lokali soġġetti għal tassazzjoni differenzjata jokkupaw kważi s-suq kollu b'tali mod li s-sehem tal-prodotti "importati" huwa żgħir ħafna. F'din is-sitwazzjoni, mal-ewwel daqqa t'għajn il-prodotti lokali jidhru kompetittivi meta mqabbla ma' prodotti ġejjin minn barra l-RUP Franċiżi. Din is-sitwazzjoni apparenti f'xi każi tista' taħbi tnaqqis fil-volum tas-sehem mis-suq[5]. F'każi oħra, it-tassazzjoni differenzjata tal-produzzjoni lokali tista', madankollu, tkun iġġustifikata mill-kostijiet addizzjonali sinifikanti mġarrba minn dawn il-prodotti, li jwasslu għal differenzi sinifikanti fil-prezzijiet meta mqabbla mal-prodotti importati u li aktarx jipperikolaw lil dawn l-industriji[6]. Hu x'inhu l-każ, f'dan l-istadju jidher diffiċli li din il-kwistjoni tissolva darba għal dejjem għall-prodotti kollha kkonċernati, għax id-data disponibbli għar-rapport tkopri anqas minn tliet snin. Din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dettall fil-każ li l-awtoritajiet Franċiżi jitolbu li jkomplu japplikaw tassazzjoni differenzjata wara Diċembru 2020.

## 4. L-AĠĠUSTAMENTI LI GĦANDHOM ISIRU FID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAS-17 TA' DIĊEMBRU 2014

L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 jipprevedi li r-rapport imressaq lill-Kunsill mill-Kummissjoni jista', fejn xieraq, ikun akkumpanjat bi proposta biex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq. Kif fil-fatt ġara.

L-awtoritajiet Franċiżi talbu li jsir adattament tal-lista tal-prodotti eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata b'ittra datata l-15 ta' Marzu 2018 għal erba' RUP Franċiżi kkonċernati: il-Guyana, Réunion, Martinique u Guadeloupe. Fis-26 ta' Ottubru 2018 saret talba addizzjonali għall-introduzzjoni ta' prodott ġdid.

Dawn it-talbiet prinċipalment jinkludu talbiet għall-introduzzjoni ta' prodotti ġodda fil-listi (50) kif ukoll talbiet ta' riklassifikazzjoni ta' prodotti f'lista li tippermetti tassazzjoni differenzjata ogħla (28) jew ta' twessigħ tal-kategorija ta' prodotti fil-mira (7) u xi talbiet għall-aġġornament tal-kodiċijiet (9 prodotti fil-Guyana). Dawn jirrappreżentaw kważi 10 % tal-prodotti fil-lista. Dawn għandhom l-għan li jistabbilixxu mill-ġdid il-kompetittività fl-intrapriżi billi jikkumpensaw parti mill-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni li qed ipoġġu piż fuq il-produzzjoni lokali.

Skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prodotti fil-mira jirrappreżentaw produzzjoni lokali ddikjarata ta' EUR 225 miljun għas-sena 2016 u importazzjonijiet li jammontaw għal madwar EUR 212 miljun. L-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti żdiedu bi kważi 5 % matul il-perjodu 2014-2016. Il-kategoriji tal-prodotti koperti huma differenti ħafna.

Dawn it-talbiet huma prinċipalment motivati minn żieda fl-importazzjonijiet jew fil-kostijiet addizzjonali li wasslu għal tnaqqis fis-sehem tas-suq u mill-ħolqien ta' produzzjonijiet ġodda.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-emendar tal-lista tal-prodotti eliġibbli għal tassazzjoni differenzjata filwaqt li jiġu applikati l-modifiki mitluba mill-awtoritajiet Franċiżi li ġew debitament iġġustifikati.

Għal prodotti li għalihom l-awtoritajiet Franċiżi talbu introduzzjoni jew riklassifikazzjoni fil-listi, il-Kummissjoni żgurat l-eżistenza ta' produzzjoni lokali, l-eżistenza ta' importazzjonijiet sinifikanti ta' merkanzija li jistgħu jikkompromettu ż-żamma tal-produzzjoni lokali u l-eżistenza ta' kostijiet addizzjonali li jżidu l-prezz tal-kost tal-produzzjoni lokali meta mqabbel mal-prodotti li jiġu minn barra u li jikkompromettu l-kompetittività tal-prodotti manifatturati lokalment.

[5] Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-jogurts f'Martinique u fi Guadeloupe.

[6] Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tas-siment u tal-kannamiela.

Fir-rigward tal-prodotti lokali li jokkupaw kważi s-suq kollu b'tali mod li s-sehem tal-prodotti "importati" huwa żgħir ħafna, il-Kummissjoni aċċertat li jeżisti riskju imminenti u serju għall-produzzjoni lokali.

Għall-prodotti agrikoli, it-talbiet għall-introduzzjoni jew għar-riklassifikazzjoni fil-listi huma ġġustifikati mill-ħtieġa li l-produtturi lokali jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom sabiex jindirizzaw aħjar il-perikli klimatiċi.

Id-diversi aġġustamenti proposti għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 huma dettaljati fil-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li takkumpanja dan ir-rapport.

## 5. KONKLUŻJONI ĠENERALI

L-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi ma tagħtix stampa sħiħa dwar l-impatt ekonomiku u soċjali fuq il-produzzjoni lokali fl-RUP Franċiżi li ħalliet l-applikazzjoni ta' tassazzjoni differenzjata mid-dazju tal-baħar fuq prodotti lokali meta mqabbla ma' prodotti li jiġu minn barra.

Madankollu xorta jista' jiġi enfasizzat it-titjib sinifikanti li sar fil-monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-iskema u fuq il-kwalità tal-informazzjoni mogħtija.

L-informazzjoni mogħtija turi li l-iskema tat-tassazzjoni differenzjata fuq id-dazju tal-baħar ippermettiet li tinżamm produzzjoni lokali li kapaċi tokkupa sehem xi ftit jew wisq kbir tas-suq lokali għall-biċċa l-kbira tal-prodotti kkonċernati. Minħabba l-limitazzjonijiet li jiffaċċjaw l-intrapriżi lokali, huwa ċert li kieku ma kinitx teżisti din it-tassazzjoni differenzjata, f'ħafna każi l-attività tal-produzzjoni lokali ma kinitx tkun kapaċi ssostni lilha nfisha, u dan kien ikollu konsegwenzi dannużi fil-livell ekonomiku u soċjali.

Barra minn hekk, l-analiżi tal-informazzjoni pprovduta turi li l-effetti ta' din l-iskema fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ kif ukoll fuq il-prezzijiet huma limitati ħafna.

L-iskema għalhekk tibqa' meħtieġa u proporzjonata. Din hija vitali biex tinżamm l-attività tal-produzzjoni lokali fl-RUP Franċiżi, fejn il-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, huwa l-ogħla fl-Ewropa.

Barra minn hekk, peress li ċerti setturi huma fraġli u vulnerabbli ferm għall-bidliet ekonomiċi[7], jenħtieġ li l-lista tal-prodotti li jistgħu jibbenefikaw minn taxxa differenzjata tiġi adattata qabel ma jintemm il-perjodu kopert mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2014.

---

[7] Waqgħa fil-prezzijiet, tibdil fis-suq, operazzjonijiet ta' darba mill-importaturi bi prezzijiet ferm orħos mill-prezzijiet tas-suq …

# Werrej

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL DWAR L-ISKEMA TAT-TAXXA TAD-“DAZJU TAL-BAĦAR" APPLIKATA FIR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI FRANĊIŻI ... 1**

**1. SFOND ... 1**

**2. IL-PARTIJIET EWLENIN TAR-RAPPORTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI ... 2**

2.1. Ir-rapport tat-12 ta’ Frar 2018 ... 2

2.2. Ir-rapporti speċifiċi tal-RUP Franċiżi ... 3

**3. ANALIŻI TAL-ISKEMA MILL-KUMMISSJONI ... 4**

3.1. L-iżvantaġġi tal-RUP Franċiżi jippersistu ... 5

3.2. Il-konsegwenzi tal-applikazzjoni ta’ tassazzjoni differenzjata tal-prodotti mid-dazju tal-baħar ... 5

3.2.1. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq il-prezzijiet tal-prodotti li jibbenefikaw minn tassazzjoni differenzjata ... 5

3.2.2. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq l-iżvilupp ekonomiku fir-RUP Franċiżi ... 6

3.2.3. L-impatt tad-dazju tal-baħar fuq il-bilanċ kummerċjali ... 7

3.3. Skema li għadha meħtieġa u li tibqa’ proporzjonata ... 7

**4. L-AĠĠUSTAMENTI LI GĦANDHOM ISIRU FID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAS-17 TA’ DIĊEMBRU 2014 ... 8**

**5. KONKLUŻJONI ĠENERALI ... 9**